**MOZZJONI DWAR SUSSIDJU GĦAT-TROBBIJA TAT-TJUR / BROILERS**

**IRTIRATA MILL-ONOR. NOEL FARRUGIA MP FIL-21 TA' JANNAR 2004**

**- *ARA MOZZJONI 101*)**

**86. L-Onor. Noel Farrugia jipproponi illi:-**

Mozzjoni mill-Oppożizzjoni Laburista dwar l-industrija lokali tat-trobbija tat-tjur (broilers)

Din il-Kamra tikkundanna d-deċiżjoni tal-Gvern li jħallas sussidju fuq produzzjoni ta' 7000 tunnellata ta' tjur / broilers ħajjin. Dan għar-raġun li matul dawn l-aħħar snin il-produtturi Maltin u Għawdxin ipproduċew regolarment 10,000 tunnellata ta' produzzjoni ta' tjur / broilers ħajjin.

Aktar u aktar din id-deċiżjoni tal-Gvern mhijiex fl-interess nazzjonali minħabba l-fatt li 7000 tunnellata ta' produzzjoni ta' tjur / broilers ħajjin, mhux biżżejjed biex ilaħħqu mad-domanda tal-konsumaturi lokali li diġa hija medja ta' 7,000 tunnellata fis-sena.

Għaldaqstant din il-Kamra titlob lill-Gvern sabiex immedjatament iħallas is-sussidju dovut fuq 10,000 tunnellata ta' tjur / broilers ħajjin, ħalli jkun evitat kull impatt negattiv sia' fuq il-konsumaturi u l-industrija in ġenerali.

28.11.03